



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Frar 2020
(OR. en)

5556/20
PV CONS 4
AGRI 36
PECHE 29

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
27 ta' Jannar 2020

WERREJ

Paġna

| | | |
|----|-----------------------------------|---|
| 1. | Adozzjoni tal-aġenda | 3 |
| 2. | Approvazzjoni ta' punti "A" | 3 |
| a) | Lista mhux leġislattiva | |
| b) | Lista leġislattiva | |

Attivitajiet mhux leġislattivi

| | | |
|----|---|---|
| 3. | Programm ta' ħidma tal-Presidenza | 4 |
|----|---|---|

AGRIKOLTURA

| | | |
|----|---|---|
| 4. | Patt Ekoloġiku Ewropew - aspetti agrikoli | 4 |
|----|---|---|

Deliberazzjonijiet leġislattivi

| | | |
|----|--|---|
| 5. | Regolamenti dwar ir-regoli tranżizzjonali tal-PAK..... | 4 |
|----|--|---|

Affarijiet oħra

| | | |
|----|---|---|
| 6. | a) Tikkettar tat-trattament xieraq tal-annimali | 5 |
| b) | Eżitu tal-konferenza internazzjonali ta' livell għoli "Il-futur tal-produzzjoni globali tal-majjal taħt theddida mid-denij Afrikan tal-ħnieżer" (Berlin, 17 ta' Jannar 2020)..... | 5 |
| c) | Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-Agrikoltura tal-Ġermanja, Spanja u Franza dwar il-PAK futura fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew..... | 5 |
| d) | Tikkettar tal-oriġini tat-taħlit tal-għasel | 6 |

| | |
|---|---|
| ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill | 7 |
|---|---|

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 5225/1/20 REV 1.

2. Approvazzjoni ta' punti "A"

a) Lista mhux leġislattiva 5240/20

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkti fid-dokument 5220/20 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni.

Għall-punti li ġejjin id-dokumenti għandhom jaqraw kif ġej:

Ambjent

10. Is-16-il laqgħha Ministerjali tal-Kummissjoni Internazzjonali
għall-Ħarsien tar-Renu (ICPR) - Dikjarazzjoni Ministerjali
Awtorizzazzjoni għall-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni Ministerjali
f'isem l-Unjoni Ewropea
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-22.01.2020 5339/20
+ COR 1 (fr)
ENV

b) Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità
mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 5241/20

Għustizzja u Affarijiet Interni

1. **Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007** dwar l-istatistika dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni
internazzjonali
Qbil politiku
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-15.01.2020 **①C** 15244/1/19 REV 1
+ COR 1 + ADD 1
STATIS

Il-Kunsill adotta qbil politiku dwar it-test tar-Regolament dwar l-Istatistika tal-Migrazzjoni rivedut, li jinsab fl-Anness għad-dok. 15244/1/19 REV 1. Malta u s-Slovakja ppreżentaw dikjarazzjoni konġunta, kif tinsab fl-Anness.

Agrikoltura

2. **Regolament dwar id-dixxiplina finanzjarja mill-2021 u l-flessibbiltà bejn il-pilastri għall-2020**
Adozzjoni tal-att leġislattiv
approvat mill-KSA fl-20.01.2020

 5181/20 + COR 1
PE-CONS 95/19
AGRI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bid-delegazzjoni tar-Renju Unit tastjeni, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE).

Attivitajiet mhux leġislattivi

3. **Programm ta' ħidma tal-Presidenza**
Preżentazzjoni mill-Presidenza



Il-President ippreżenta l-Programm ta' Ħidma tal-Presidenza Rumena rigward is-setturi tal-Agrikoltura u s-Sajd.

AGRIKOLTURA

4. **Patt Ekoloġiku Ewropew - aspetti agrikoli**
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet

 5174/20
15051/19 + ADD 1

Abbażi tad-dokument tal-Presidenza li jinsab fid-dok. 5174/20, il-Kunsill kelli skambju ta' fehmiet dwar l-aspetti agrikoli tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni.

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

5. **Regolamenti dwar ir-regoli tranżizzjonali tal-PAK**
Skambju ta' fehmiet

 5071/20

Il-Kunsill ħa nota tal-fehmiet espressi mid-delegazzjonijiet u l-Kummissjoni abbażi tal-mistoqsijiet imħejjiha mill-Presidenza fid-dok. 5071/20.

Affarijiet oħra

6. a) **Tikkettar tat-trattament xieraq tal-annimali**  5346/1/20 REV 1
Informazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża, appoġġata mid-delegazzjoni Belġjana, Daniża, Franċiża, Taljana u dik Litwana

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovjeta mid-delegazzjoni Ġermaniża appoġġata mid-delegazzjonijiet tal-Belġju, id-Danimarka, Franzja, l-Italja u l-Litwanja¹ dwar tikketta tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti magħmula minn diversi delegazzjonijiet u tat-tweġiba tal-Kummissjoni.
- b) **Eżitu tal-konferenza internazzjonali ta' livell għoli "Il-futur tal-produzzjoni globali tal-majjal taħt theddida mid-deni Afrikan tal-ħnieżer" (Berlin, 17 ta' Jannar 2020)**  5423/20
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovjeta mill-Kummissjoni dwar l-eżitu tal-konferenza internazzjonali ta' livell għoli "Il-futur tal-produzzjoni globali tal-majjal taħt it-theddida tad-deni Afrikan tal-ħnieżer" li saret f'Berlin fis-17 ta' Jannar 2020. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti magħmula minn diversi delegazzjonijiet u tat-tweġiba tal-Kummissjoni.
- c) **Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-Agrikoltura tal-Ġermanja, Spanja u Franza dwar il-PAK futura fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew**  5404/20
Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovjeta mid-delegazzjonijiet tal-Ġermanja, Spanja u Franza dwar il-PAK futura fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew li jinsab fid-dok. 5404/20, tar-reazzjonijiet ta' Stati Membri oħra u tal-kummenti tal-Kummissjoni.

¹ Barra minn hekk, id-delegazzjoni Spanjola indikat l-appoġġ sħiħ tagħha għan-nota riveduta mill-Ġermanja wara li nħarġet.

d) **Tikkettar tal-oriġini tat-taħlit tal-ħasel**

5389/20

Informazzjoni mid-delegazzjonijiet tal-Portugall u s-Slovenja, appoġġati mid-delegazzjonijiet tal-Bulgarija, iċ-Ċekja, Ċipru, l-Estonja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u Spanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovjeta mid-delegazzjonijiet tal-Portugall u s-Slovenja dwar dikjarazzjoni konġunta maqbula fost diversi delegazzjonijiet dwar it-tikkettar tal-oriġini tat-taħlilit tal-ħasel. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.



L-ewwel qari



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni



Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" li jinsabu fid-dokument 5241/20

Dwar il-punt "A" **Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 dwar l-istatistika dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali**
Qbil politiku

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MINN MALTA U S-SLOVAKKJA

"Qed issir referenza għall-Punt 18 fuq l-Aġenda tal-COREPER II tal-15 ta' Jannar 2020, dwar ir-Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 dwar l-istatistika dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali.

Malta u s-Slovakkja jixtiequ jippreżentaw dikjarazzjoni konġunta oħra dwar dan il-punt biex tiddaħħal fil-minuti tal-COREPER II u tal-Kunsill:

Ngħarfu l-isforzi tal-Presidenza biex tilħaq kompromess mal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali.

Madankollu, ma nistgħux naċċettaw il-kompromess kif iddikjarat fid-dokument 15244/1/19.

It-tħassib tagħna dwar dan l-abbozz ta' regolament, kif digħi espress waqt diversi Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Istatistika, u fil-laqgħat tal-COREPER tal-20 ta' Novembru 2019 u l-4 ta' Diċembru 2019, kif ukoll permezz tal-proċedura ta' silenzju li kienet imnedija, ma ġiex indirizzat. Jippersisti n-nuqqas ta' ġustifikazzjoni reali u rilevanti għad-data addizzjonali u tal-valur miżjud tagħha fit-tfassil ta' politika, u l-problema tar-rappurtar dopju ma ġietx indirizzata b'mod adegwat, anzi baqgħet bla ma ġiet iċċarata. Barra minn hekk, il-bidla għall-premessa 11, fejn tintalab il-prioritizzazzjoni tal-inklużjoni tar-rekwiżi tad-data fl-arkitettura legali tar-regolament, aggravat il-problema tagħna dwar il-proċess peress li din qed tippermetti ċ-ċirkomvenzjoni ta' valutazzjoni tal-impatt xierqa fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' politika tagħhom u qed toħloq restrizzjonijiet amministrattivi u ta' riżorsi kbar u mhux sostanzjati għall-Istati Membri."